

Emenda 25

Dragoş Pîslaru

f' isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Juan Fernando López Aguilar

f' isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapport

A9-0059/2024

Alice Kuhnke, Antonius Manders

Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b' diżabilità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru (COM(2023)0698 – C9-0398/2023 – 2023/0393(COD))

Proposta għal direttiva

–

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

DIRETTIVA (UE) 2024/...

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

li testendi d-Direttiva (UE) 2024/...⁺ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2), il-punt (b) tiegħu,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu **■**.

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,
Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,
■ Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Sabiex **jissaħħaħ** l-eżerċizzju tad-drittijiet **tal-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità u biex jissaħħu l-possibiltajiet għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw** lejn jew **iżuru** Stat Membru ieħor għal **soġġorn** qasir, id-Direttiva (UE) 2024/... **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²⁺ tistabbilixxi l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż **format** standardizzat **u aċċessibbli** komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova ta' status ta' diżabilità rikonoxxut **jew ta' intitolament għal servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità**, għall-aċċess, **b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għal kwalunkwe** kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà wiesgħa ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż fejn ma jiġux ipprovduti bi hłas, u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għal kundizzjonijiet ta' parkeġġ u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabilità **fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn jirrisjedu**.

² Id-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità (ĠU L ..., ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)) u daħħal in-numru, id-data, ir-referenza tal-ĠU u r-referenza tal-ELI ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (2) *L-Artikolu 79 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-azzjoni tal-Unjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura, fost oħrajn, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri. Fuq dik il-bażi, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' regoli li jispeċifikaw id-drittijiet li għalihom jiġi pprovdut trattament ugwali bejn il-benefiċjarji tad-Direttiva (UE) 2024/...⁺ u tali ċittadini ta' pajjiżi terzi.*
- (3) *F'konformità mal-Artikolu 67(2) TFUE, persuni apolidi għandhom jiġu ttrattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' din id-Direttiva.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

- (4) **Sabiex jissaħħaħ ir-rispett għat-trattament ugwali, l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni, inkluż fir-rigward tal-obbligi rilevanti skont id-dritt internazzjonali, fir-rigward ta' persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru u li mhumiex benefiċjarji tad-Direttiva (UE) 2024/...⁺, u biex jiġi ggarantit ir-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità madwar l-Unjoni, u b'hekk jiġu żgurati wkoll parteċipazzjoni u inklużjoni effettivi u sħaħ fis-soċjetà ta' tali persuni** ■ fuq bażi ugwali maċ-ċittadini tal-Unjoni, huwa meħtieġ li **jiġu applikati** r-regoli, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/...⁺ għal persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' **pajjiżi terzi** li jirrisjedu legalment fi Stat Membru **u** li l-istatus ta' diżabilità **jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità** jkun ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, **kif ukoll, fejn applikabbli, għal persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuom, inkluż l-assistenti personali tagħhom, jew għall-annimali ta' assistenza. Pereżempju, ċittadini ta' pajjiżi terzi** li huma **benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE³ jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁺⁺⁺, jenħtieġ li jkunu koperti minn din id-Direttiva, dment li jkunu residenti legalment fi Stat Membru u li l-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal**

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

⁴ **Ir-Regolament (UE) 2024/... ta' ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u li jħassar id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L ..., ...).**

⁺⁺ **ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 70/23 (2016/0223(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.**

servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità jkunu ġew rikonoxxuti minn dak l-Istat Membru.

- (5) *Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha fid-Direttiva (UE) 2024/...⁺, bis-saħħa ta' din id-Direttiva, ikunu applikabbli mutatis mutandis għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*
- (6) *B'mod partikolari, filwaqt li jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli applikabbli tal-Unjoni li jirregolaw il-mobbiltà madwar l-Unjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru, billi tiżgura r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità tagħhom jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità madwar l-Istati Membri, din id-Direttiva tista' tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt ta' dawk il-persuni li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw madwar l-Unjoni dment li diġà jkollhom tali dritt għall-mobbiltà. Meta tali ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom Kard Ewropea tad-Diżabilità u Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw legalment madwar l-Unjoni, dawn ser jibbenefikaw mid-drittijiet ta' rikonoxximent reċiproku skont din id-Direttiva.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

- (7) Għalhekk, *jenħtieġ li* l-Istati Membri *jieħdu* l-miżuri *kollha* meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli *stipulati fid-Direttiva (UE) 2024/...*⁺ *li jirregolaw* il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità bħala prova, rispettivament, ta' status ta' diżabilità rikonoxxut jew tal-*intitolament għal servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità, u* tad-dritt rikonoxxut tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, *filwaqt li jipprovdu* aċċess, b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward tas-servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti bi ħlas, *u għal* kundizzjonijiet ta' parkeġġ u faċilitajiet offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità, *kif ukoll, fejn applikabbli, lil persuni* li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż l-*assistenti* personali *tagħhom irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, jew l-annimali ta' assistenza*, japplikaw bl-istess mod għal ċittadini ta' *pajjiżi terzi* li jirrisjedu legalment fl-Unjoni. *L-għoti ta' drittijiet lil tali ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaċċessaw kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali, jew kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità bl-istess mod bħal dawk previsti għall-benefiċjarji tad-Direttiva (UE) 2024/...*⁺ *ma jaffettwax ir-regoli dwar l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri.*
- (8) *L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/...*⁺ *lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'diżabilità koperti minn din id-Direttiva b'lingwa li jistgħu jifhmu jew li huma raġonevolment mistennija li jifhmu.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

- (9) *Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'diżabilità jinsabu f'riskju akbar li jkunu soġġetti għal diversi forom ta' diskriminazzjoni. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tiddikjara li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma soġġetti għal diversi forom ta' diskriminazzjoni, u tipprevedi li l-Istati Parti jieħdu miżuri biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali minnhom tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha. Tirrikonoxxi wkoll il-kundizzjonijiet diffiċli li qed jiffaċċjaw persuni b'diżabilità li huma soġġetti għal forom multipli u aggravati ta' diskriminazzjoni minħabba razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjonijiet oħra, oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, proprjetà, twelid, età jew status ieħor.*
- (10) *Jenħtieġ li l-obbligi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2024/...⁺ ikopru wkoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport tal-Kummissjoni msemmi f'dak l-Artikolu jinkludi analiżi ta' sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni intersezzjonali, li hija mifhuma bħala diskriminazzjoni bbażata fuq taħlita ta' diżabilità u kwalunkwe raġuni oħra protetta skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE⁵, 2000/43/KE⁶, 2000/78/KE⁷ jew 2004/113/KE⁸, b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità.*

I

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24).

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (Ġurnal Uffiċjali L 180, 19.7.2000, p. 22).

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieġ u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

(11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(12) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(13) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ***jiġu estiżi r-regoli, id-drittijiet u l-obbligi tad-Direttiva (UE) 2024/...***⁺ ***għal*** persuni b'diżabilità ■ li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru u li ***mhumix benefiċjarji tad-Direttiva (UE) 2024/...***⁺ ***kif ukoll għall-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuom, inkluż l-assistenti personali tagħhom, jew għall-annimali ta' assistenza, u b'hekk jiġu ffaċilitati wkoll il-possibiltajiet tagħhom*** li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra ■, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas ***ta'*** regoli u kundizzjonijiet komuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tilħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

Artikolu 1

Ir-regoli, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-**█** Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁺ ***għandhom*** japplikaw għal ċittadini ***ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru li mhumiex benefiċjarji*** ta' dik id-Direttiva ***u*** li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ***jew l-intitolament tagħhom għal servizzi speċifiċi bbażati fuq diżabilità, u*** d-drittijiet għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità, ikunu ġew rikonoxxuti mill-Istat Membru tar-residenza tagħhom, kif ukoll għall-persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inkluż ***assistenti personali, jew għall-annimali ta' assistenza***, kif definiti, rispettivament, fl-Artikolu 3 **█** , il-punti 4 u 8, ta' dik id-Direttiva.

•

⁹ Id-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità (ĠU L ..., ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)) u daħħal in-numru, id-data, ir-referenza tal-ĠU u r-referenza tal-ELI ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva "ċittadin **ta' pajjiż terzi**" tfisser kwalunkwe persuna li **mhijiex** ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) TFUE **█** .

Artikolu 3

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa r-regoli applikabbli **█** li jirregolaw il-mobbiltà fl-Unjoni kollha, ta' ċittadini **ta' pajjiżi terzi** li jirrisjedu legalment fi Stat Membru.

Artikolu 4

L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jakkomodaw ħtiġijiet lingwistiċi speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni tal-lingwa, kif xieraq.

Artikolu 5

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu koperti mill-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2024/...⁺.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument PE-CONS .../24 (2023/0311(COD)).

Artikolu 6

1. ***Sa ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw*** il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri ***minn ... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*** .

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-***miżuri***, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ***għandhom*** jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. ***Il-metodi kif issir*** dik ir-referenza ***għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri***.

Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Or. en